MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 163/2013

St**. James Hospital Limited C17292**

**vs**

1. **Rachel Sherif ID 529178M**
2. **Aimen Sherif ID 330210L**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ Marzu 2013, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici in solidum bejniethom is-somma ta’ tmien mija u tlettax-il Euro tletin centezmi (€813.30c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2014, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tlettax-il Euro tletin centezmi (€813.30c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum bejniethom.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------